# QORTI CIVILI
**(SEZZJONI TAL-KUMMERC)**

**IMHALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Illum il-Hamis, 16 ta' Dicembru 2021**

**Kawza Numru: 1**

**Rikors Numru:- 966/2010 JVC**

**James Cassar (ID116378M) u Marcelle mart Mario Mangion (ID404765M)**
*Flat 2, Cassar Building, Triq il-Port Ruman, Qawra*

**vs**

**Cassar Bros. Giftware Limited (C18341)**
*44 gja 70, St Aloysius Street, Qawra*

u

**Adrian Cassar (ID184068M)**

*Flat 1, Cassar Building, Triq il-Port Ruman, Qawra*

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors fejn ir-rikorrenti James Cassar et talab kif isegwi:

1. 'Illi l-esponenti huma azzjonisti minoritarji fis-socjeta' Cassar Bros. Giftware Limited registrata mal-Malta Financial Services Authority, flimkien ma' Adrian Cassar li bejniethom ghandhom 9,500 azzjoni ordinarja fully paid up ta' valur ta' €2.33 'l wahda.

2. Illi r-rikorrenti ghandhom 2,375 azzjoni ordinarja fully paid up kull wiehed waqt li l-intimat ghandu 4,750 azzjoni ordinarja fully paid up.

3. Illi a tenur ta' l-istess statut socjali, d-diretturi tas-socjeta' huma Adrian Cassar, Marcelle Mangion u James Cassar, waqt li r-rapprezentanza guridika ta' l-istess socjeta' hija vestita f'wiehed mid-diretturi, pero' l-kontroll effettiv ta' l-istess socjeta' huwa f'idejn Adrian Cassar.

4. Illi din is-socjeta' kienet tiggestixxi hanut bl-isem ta' Craft Point, Triq il-Port Ruman, Qawra u recentement ir-rikorrenti saru jafu illi l-affarijiet tal-kumpannija tmexxew u kienu qed jitmexxew b'mod oppressive u b'mod mhux gust u diskriminatorju kontra taghhom jew b'mod mhux gust ta' pregudizzju ghal membri ta' l-istess socjeta' u b'mod illi jkunu kontra l-interessi tal-membri in generali ta' l-istess

socjeta′ tant illi mill-istess socjeta′ l-intimat Adrian Cassar kien qieghed idawwar bi profitt ghalih, b′mod abbusiv u llegali parti mill-qliegh ta′ l-istess socjeta′ u dan b′dannu ghar-rikorrenti.

5. Illi wara li saru jafu b′dan, ir-rikorrenti riedu jwaqqfu lill-intimat milli jkompli jiggestixxi n-negozju taghhom minn Craft Point, Triq il-Port Ruman, Qawra, stante illi dan it-tip ta′ negozju maghmul mill-intimat, kien qieghed ikun a beneficcju tieghu biss tant illi l-ommissjoni tieghu li jagixxi b′mod fl-interess tal-kollettivita′, kkawzat hsarat lill-esponenti azzjonisti minoritarji, stante illi saru diversi operazzjonijiet mhux awtorizzati u skond il-Ligi u dan billi l-intimat dawwar ghalih qliegh.

6. Illi dan ghal xi raguni jew ohra kien u qed ikun ta′ dannu ghall-istess esponenti ghax it-tehid ta′ ammonti sostanzjali ta′ flus fil-gestjoni tal-hanut Craft Point, Triq il-Port Ruman, Qawra, kien biss a beneficcju ta′ l-intimat u ta′ pregudizzju ghar-rikorrenti azzjonisti minoritarji.

7. Illi r-rikorrenti talbu lill-intimati biex isir *audit* ta′ l-istess socjeta′ Cassar Bros. Giftware Limited u *stock take* skond il-Ligi biex wiehed ikun jista′ jivverifika t-trapass ta′ l-oggetti mixtrija mis-socjeta′ u l-flus li gew mehuda indebitament mill-intimat, pero′ dan baqa′ ma sarx mhux imputabbli mir-rikorrenti.

8. Illi dan l-*audit* mitlub mir-rikorrenti ma sar qatt.

9. Illi effettivament, l-intimat Adrian Cassar ried jahtaf il-kontroll tal-kumpannija f'idejh a skapitu ta' l-azzjonisti minoritarji, liema azzjoni hija opprimenti in konfront tar-rikorrenti.

10. Illi ghalhekk l-esponenti ihossu illi l-affarijiet tal-kumpannija ma tmexxewx u mhux qed jitmexxew b'mod gust u mhux diskriminatorju in konfront tar-rikorrenti azzjonisti fl-istess socjeta' imma ghal kuntrarju b'mod oppressive u mhux gust u diskriminatorju in konfront taghhom tant illi qed jikkawza pregudizzju lilhom b'atti tieghu u/ jew b'ommissjoni tieghu ossia ta' Adrian Cassar minkejja illi gie mwiddeb biex ma jhallix isir dan it-trapass ta' flus mill-assi tas-socjeta' Cassar Bros. Giftware Limited ghall-idejn Adrian Cassar, b'dannu ghall-istess socjeta' biex b'hekk Adrian Cassar dawwar ghalih innifsu fondi meta ma kienx awtorizzat biex jaghmel dan b'dannu ghall-istess socjeta' u in vjolazzjoni ta' l-Artikolu 402 tal-Kap 386 tal-Ligijiet ta' Malta.

11. Illi l-esponenti ghandhom interess illi l-ishma taghhom fl-istess socjeta' ma jigux zvalutati bl-agir frawdolenti ta' Adrian Cassar u bin-nuqqas ta' azzjoni ta' Cassar Bros. Giftware Limited, dawn id-danni illi soffrew ir-rikorrenti u li qed isoffru minhabba l-agir illegali ta' l-intimati, ghandhom jigu rimborsati mill-intimati in solidum bejniethom.

Ghaldaqstant u ghar-ragunijiet premessi l-esponenti jitolbu bir-rispett lil dina l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1. Tiddikjara illi l-intimati jew min minnhom naqqsu mill-obbligi taghhom skond l-istatut tas-socjeta′ Cassar Bros. Giftware Limited u skond il-Ligi talli fl-ewwel lok naqqsu milli jmexxu b′xi att jew ommissjoni taghhom il-kumpannija hawn riferita u tali nuqqas kien jew hu aktarx oppressiv, b′mod mhux gust, diskriminatorju kontra jew b′mod mhux gust ta′ pregudizzju ghar-rikorrenti, jew b′mod li jkunu kontra l-interessi tas-socjeta′ tal-membri in generali u dan a tenur ta′ l-Artikolu 402 tal-Kap 386 tal-Ligijiet ta' Malta, u dan peress illi Adrian Cassar naqas milli jagixxi fl-interess ta′ l-istess socjeta′ b′dannu ghar-rikorrenti talli naqas li jordna li jsir *audit* skond l-istess Ligi ghall-abbuzi maghmulha minnu stess minkejja rikjest; oltre′ li Adrian Cassar agixxa kontra l-interessi ta′ l-istess socjeta′.

2. Tiddikjara u tiddeciedi illi Adrian Cassar agixxa kontra l-interessi ta′ l-azzjonisti minoritarji fis-socjeta′ Cassar Bros. Giftware Limited bi frodi tad-drittijiet ta′ l-istess azzjonisti rikorrenti meta dawwar a beneficcju tieghu qliegh mill-operat tal-hanut Craft Point, Triq il-Port Ruman, Qawra, u ta′ socjeta′ fejn huwa ghandu interess.

3. Tiddikjara u tiddeciedi illi jehtieg illi jigu appuntati persuni indipendenti biex jirregolaw it-tmexxija ta′ l-affarijiet tal-kumpannija Cassar Bros. Giftware Limited fil-futur in kawtela tad-drittijiet tar-rikorrenti u ta′ l-azzjonisti in generali tas-socjeta′ hawn imsemmija.

4. Tordna ix-xoljiment tal-kumpannija intimata ossia Cassar Bros. Giftware Limited u tipprovdi ghall-istralc konsegwenzjali taghhom.

5. Konsegwentement tipprovdi ghal likwidazzjoni u hlas a tenur ta’ l-Artikolu 402(3)(f) tal-Kap 386 tal-Ligijiet ta' Malta, ta’ kumpens mill-intimati jew min minnhom lir-rikorrenti, ghat-telf jew ghad-danni li garrbu r-rikorrenti minhabba l-agir frawdolenti u/ jew negligenza grossolana ta’ l-intimati, liema kumpens ghandu jinkludi t-telf ta’ qliegh u imghaxijiet li s-socjeta’ Cassar Bros. Giftware Limited setghet ghamlet kieku l-intimat Adrian Cassar ma dawwarx ghalih innifsu qliegh mit-tmexxija ta’ l-istess socjeta’, kif ukoll kumpens ghad-differenza bejn il-valur li kellhom l-ishma tar-rikorrenti fis-socjeta’ Cassar Bros. Giftware Limited u l-valur ta’ l-istess ishma, qabel ma’ gew misapproprjati u/ jew trasferiti frawdolentement u/ jew b’negligenza grossolana flus u/ jew qliegh a beneficcju solitarju ta’ Adrian Cassar bl-agir frawdolenti, illegali u abbusiv tieghu.

Bl-ispejjez, u bl-ingunzjoni ta’ l-intimati ghas-subizzjoni.’.

Rat ir-risposta ta’ Dr Ian Spiteri Bailey kuratur tas-socjeta’ intimata Cassar Bros. Giftware Limited (C18341) li taqra kif isegwi:

1. ‘Illi fl-udjenza tal-5 ta’ April 2011, wara li l-partijiet gharrfu lil din l-Onorabbli Qorti kien hemm qbil fil-Bord tad-diretturi illi l-esponent jinhatar kuratur tal-kumpannija f’dawn l-odjerni proceduri, din l-Onorabbli Qorti ddegretat

u appuntat lill-esponenti Kuratur kif msemmi u anke tat il-fakolta' li jippresenta risposta, permezz ta' liema presenti att qed issir.

2. Illi in kwantu l-*audits* tal-kumpannija u kif ukoll l-*istock-stakes*, issir referenza ghall-paragrafi 8 u 9 tar-risposta tal-konvenut Adrian Cassar u qed ghalhekk il-partijiet l-ohra f'dawn il-proceduri qed jigu sollecitati illi jaghmlu dak kollu li huwa mehtieg, sabiex ma jkunx hemm divergenzi inutili bejniethom.

3. Illi ghall-ahjar interess tal-istess partijiet l-ohra f'dawn l-odjerni proceduri, imma ukoll u fuq kollox ghall-ahjar interess tas-socjeta' kummercjali Cassar Bros. Giftware Limited (C-18341) ikun opportun illi huma jaraw u jassikuraw illi kwalsiasi obbligazzjoni statutorja u imposta tal-ligi, kemm fiskali u kemm xorta'ohra, tkun sodisfatta u maghmula.

4. Illi qed issir rizerva ghal risposta ulterjuri una volta illi l-Kuratur esponent jiehu konjizzjoni ahjar tal-process u jkun edott ahjar mill-fatti li jiccirkondaw l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet li qed javvanzaw il-partijiet.'

Rat ir-risposta ta' l-intimat Adrian Cassar li taqra kif isegwi:

1. 'Illi, kuntrarjament ghal dak rilevat fir-rikors promotur, l-esponenti jippremetti illi, ghall-kjarezza, l-atturi mhumiex azzjonisti minoritarji fis-socjeta' Cassar Bros. Giftware Limited stante illi, bejniethom, l-atturi jippossjedu 5,000

azzjoni minn total ta' 10,000 azzjoni, u ghaldaqstant huma jippossjedu nofs, ossija hamsin fil-mija (50%) tal-azzjonijiet (vide kopja tal-Memorandum and Articles of Association tas-socjeta' Cassar Bros. Giftware Limited li qed tigi hawn annessa u mmarkata bhala Dok. A);

2. Illi, inoltre, ai termini ta' klawsola numru disgha (9) tal-Memorandum and Articles of Association tas-socjeta' Cassar Bros. Giftware Limited, *"Legal and Judicial representation of the company is vested severally in any one of the directors"*, u ghaldaqstant hija kompletament infondata fil-fatt u fid-dritt kwalunkwe allegazzjoni da parti ta' l-atturi illi *"l-kontroll effettiv ta' l-istess socjeta' huwa f'idejn Adrian Cassar"*, u dana stante illi fl-ewwel lok, l-atturi bejniethom jippossjedu l-istess numru ta' ishma fil-kumpannija daqs Adrian Cassar, u fit-tieni lok, huma ukoll diretturi tas-socjeta' Cassar Bros. Giftware Limited, b'dan illi l-istess atturi setghu, kieku riedu, jiehdu dawk il-passi kollha spettanti sia' lil azzjonist ta' kumpannija u sia' lil direttur ta' kumpannija, izda minn dan l-atturi m'ghamlu xejn;

3. Illi addirittura l-atturi kienu jippartecipaw b'mod attiv fin-negozju tas-socjeta' Cassar Bros. Giftware Limited, u sahansitra l-istess atturi kienu jigu mhallsa mill-kumpannija tax-xoghol li jaghmlu;

4. Illi, kuntrarjament ukoll ghal dak rilevat fir-rikors promotur, l-esponenti Adrian Cassar qatt ma mexxa l-affarijiet tal-kumpannija b'mod li jista' bi kwalsiasi estensjoni ta' l-immaginazzjoni jigi meqjus bhala oppressiv u mhux gust u

diskriminatorju kontra l-atturi, jew b'mod mhux gust ta' pregudizzju ghal membri ta' l-istess socjeta', u b'mod illi jkun kontra l-interessi tal-membri in generali ta' l-istess socjeta', u dan kif wiehed jista' jippercepixxi mill-fatt illi, fil-mument illi l-kumpannija waqfet topera, kien hemm surplus kemm ta' stock u kemm ta' flus kontanti fil-kontijiet bankarji tal-kumpannija;

5. Illi inoltre, hija kompletament infondata fil-fatt u fid-dritt kwalsiasi allegazzjoni da parti ta' l-atturi illi l-esponenti Adrian Cassar kien, b'xi mod, qieghed idawwar xi profit ghalih b'mod abbusiv u illegali parti mill-qliegh ta' l-istess socjeta', u filfatt, ta' kull sena sas-sena 2007 l-accounts tal-kumpannija kif preparati mill-awditur ta' l-istess kumpanija kienu gew dejjem approvati mid-diretturi tal-kumpannija;

6. Illi addirittura, kwalsiasi allegazzjoni da parti tal-atturi illi l-esponenti Adrian Cassar kien, b'xi mod, qieghed isawwar xi profit ghalih b'mod abbusiv u illegali parti mill-qliegh ta' l-istess socjeta', hija assolutament frivola u vessatorja, u in fatti, flimkien mar-rikors promotur, l-atturi ma gabu l-ebda dokument illi jsahhah t-talba taghhom u lanqas, f'dan l-istadju, ma jidher illi l-atturi behsiebhom igibu xi xhieda sabiex b'xi mod jikkonfermaw dak li gie minnhom allegat;

7. Illi fir-rigward ta' dak premess fir-rikors promotur fejn qed jigi allegat illi ma sarx *audit* u *stock take* tas-socjeta' konvenuta minhabba xi opposizzjoni da parti ta' l-esponenti Adrian Cassar, l-istess esponenti jirrileva illi, fl-ewwel lok, l-*audits* tas-socjeta' konvenuta kienu jsiru regolarment kull sena, u sas-sena li spiccat fil-31 ta' Dicembru 2006, dawn l-

audits gew sahansitra kkonfermati u ffirmati mill-attur James Cassar stess! (vide kopja ta' Cassar Bros. Giftware Limited Report and Financial Statements for the year ended 31 December 2006 li qieghed jigi hawn anness u mmarkat bhala Dok. B);

8. Illi mhux talli mhuwiex minnu illi l-esponenti Adrian Cassar qatt oppona sabiex isir l-*audit* u *stock take*, talli l-awditur tas-socjeta' Cassar Bros. Giftware Limited kien sahansitra kiteb lill-atturi sabiex iwissihom bl-obbligu taghhom illi jeffettwaw l-*audit* tal-kumpannija anke wara l-2006, u kienu l-atturi stess illi rrifjutaw li jsir dan l-*audit*;

9. Illi fit-tieni lok, l-esponenti Adrian Cassar jirrileva illi mhux talli huwa qatt ma oppona illi jsir xi *stock take* talli kien anke dispost illi jkun personalment prezenti waqt illi l-imsemmmi *stock take* ikun qieghed isehh, u kienu l-atturi stess illi naqsu milli jikkoperaw sabiex dan l-*istock take* jsir kif suppost;

10. Illi hija assolutament inveritjiera kwalunkwe allegazzjoni da parti ta' l-atturi illi l-*audit* qatt ma sar, u dana stante illi, *audit* ghas-sena li spiccat 31 ta' Dicembru 2007 sar u l-atturi stess irrifjutaw illi jiffirmawh (vide kopja ta' Cassar Bros. Giftware Limited Report and Financial Statements for the year ended 31 December 2007 mhux iffirmat li qieghed jigi hawn anness u mmarkat bhala Dok. C);

11. Illi assolutament mhuwiex minnu illi l-esponenti Adrian Cassar qatt ried jahtaf il-kontroll tal-kumpanija f'idejh, u

huwa dejjem ezegwixxa l-obbligi tieghu fi hdan il-kumpannija b'mod ghaqli u fl-ahjar interess tal-kumpannija;

12. Illi ghal darb' ohra, l-esponenti Adrian Cassar jirreitera illi mhuwiex minnu illi l-affarijiet tal-kumpannija ma tmexxex u mhux qed jitmexxew b'mod gust u mhux diskriminatorju in konfront ta' l-atturi azzjonisti fl-istess socjeta`, u lanqas mhu minnu illi l-affarijiet tal-kumpannija tmexxew u qed jitmexxew b'mod oppressiv u mhux gust u diskriminatorju in konfront ta' l-atturi;

13. Illi kuntrarjament ghal dak rilevat fir-rikors promotur, Adrian Cassar mhu qed jikkawza l-ebda pregudizzju lill-atturi stante illi, kuntrarjament ghal dak allegat, mhu qed isir l'ebda trapass ta' flus mill-assi tas-socjeta' Cassar Bros. Giftware Limited ghal idejn l-esponenti Adrian Cassar b'tali mod illi l-istess Adrian Cassar dawwar jew qieghed idawwar ghalih innifsu fondi meta ma kienx awtorizzat illi jaghmel dan;

14. Illi ghaldaqstant, it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda *in toto* stante illi huma kompletament infondati fil-fatt u fid-dritt;

15. Illi ghaldaqstant ukoll, stante illi l-azzjoni attrici hija ghal kollox frivola u vessatorja, il-konvenut m'ghandu jbati l-ebda spejjez relatati ma' l-istess;

16. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.'.

Rat l-affidavits, xiehda, 'memorandum and articles of association', 'reports and financial statements', kuntratti, ritratti, kopji ta' korrispondenza tramite emails, kontro-ezamijiet, bosta dokumenti u l-provi kollha esebiti fl-atti;

Rat illi fil-verbal tal-5 ta' April, 2011 il-Qorti kif diversament preseduta nnutat illi r-rikorrenti qed jibbazaw il-kawza fuq l-Artikolu 402 tal-Kapitolu 386 tal-Ligijiet ta' Malta, li jghid li l-procedura ghandha tigi inizjata permezz ta' rikors. Ghalhekk il-Qorti ordnat lill-partijiet jissostitwixxu r-rikors guramentat u r-risposta guramentata b'rikors (mhux guramentat) u risposta (mhux guramentata), u ordnat lir-Registratur tal-Qorti sabiex jassikura illi l-partijiet ma jinkorrux spejjez agguntivi;

Rat ir-rikors tar-rikorrenti James Cassar et intavolat nhar is-27 ta' Dicembru, 2011 fejn permezz tieghu talab lill-Qorti sabiex tordna lil Sergio Darmanin sabiex iforni lill-kuratur tal-kumpanija Dr Ian Spiteri Bailey id-dokumenti li jinkludu l-audited accounts, u l-fatturi relattivi appartenenti ghas-snin kollha minn mindu giet stabbilita l-istess kumpanija ossia mill-1996 u jekk Sergio Darmanin ma jkunx f'posizzjoni li jforni d-dokumenti msemmija l-Qorti tordna lill-Adrian Cassar li jforni d-dokumenti lill-kuratur, rat ir-risposti ta' Dr Ian Spiteri Bailey, ta' Sergio Darmanin, u ta' Adrian Cassar;

Rat illi fil-verbal tas-17 ta' Jannar, 2012 a fol. 302 tal-process il-Qorti kif diversament preseduta qieset in vista tal-mod kif kienet qieghda tigi ndirizzata l-kwistjoni, kif ukoll in vista li gew esebiti fl-atti dokumenti ta' kontabilita' illi min-natura taghhom jesigu mhux biss kontroll min-naha tal-Qorti izda wkoll skrutinju ta'

natura teknika dan ukoll in vista tal-fatt li l-binarju li fuqu kienet tinsab il-kawza jesigi approfondiment illi jkun aktar ghaqli jekk ikun kondott fl-ambitu ta' perizja. Il-Qorti ghalhekk ghaddiet sabiex innominat bhala esperti taghha lill-Avukat Dottor Richard Galea Debono u lill-Awditur Kevin Mahoney, sabiex jiehdu taht il-kontroll taghhom l-atti kollha li gew esebiti sal-lum mill-partijiet u minn Dr Ian Spiteri Bailey, u sabiex ifittxu u jirrelataw dwar it-talbiet tar-rikorrenti wara li jiehdu konjizzjoni tal-linji difensjonali tal-intimati. Il-Qorti tathom il-fakulta' li jigbru provi ohra tal-partijiet bil-gurament u tathom ukoll il-fakulta' illi terzi fuq inkarigu tal-partijiet jiehdu konjizzjoni tal-atti, b'dan illi ghandhom izommu kontroll shih huma tal-vizjoni illi dawn it-terzi jista' ikollhom tal-atti. Meta jtemmu x-xoghol taghhom, fis-sens li jkun maghluq il-gbir tal-provi, l-esperti ghandhom jirredigu kull wiehed il-parti tieghu f'relazzjoni wahda;

Rat ir-rikors tal-intimat Adrian Cassar ipprezentat nhar it-22 ta' Frar, 2012 fejn permezz tieghu talab li l-Qorti tordna li jithallas ic-cens sabiex il-kumpanija tkun in regola ma' l-obbligi kontrattwali li ghandha skont il-ligi, rat ir-risposta tar-rikorrenti James Cassar et u rat id-digriet tal-Qorti moghti fis-6 ta' Marzu, 2012 fejn il-Qorti ghaddiet billi ddikjarat li ma ssib ebda raguni valida fir-risposta tar-rikorrenti ghala ghandha tigi respinta t-talba tal-intimat Adrian Cassar u ghalhekk ghaddiet sabiex laqghet l-istess talba;

Rat ir-rikors tal-intimat Adrian Cassar ntavolat nhar it-3 ta' Awwissu, 2012 fejn permezz tieghu talab li l-Qorti tordna li jibda jinkera l-hanut 'Craft Point' fi Triq il-Port Ruman, Qawra, rat ir-risposta tar-rikorrenti James Cassar et ntavolata nhar il-21 ta'

Awwissu, 2012 u rat id-digriet tal-Qorti kif diversament preseduta tat-12 ta' Novembru, 2012 a fol. 335 *et seq* tal-process fejn permezz tieghu ghar-ragunijiet hemm elenkati cahdet it-talba ta' l-intimat Adrian Cassar;

Rat illi fil-verbal tal-21 ta' Jannar, 2013 a fol. 338 tal-process wara talba tar-rikorrenti li jkollhom access ghad-dokumenti pprezentati mill-intimati u li jaghmlu parti mill-atti ta' din il-kawza l-Qorti tat il-fakulta' li fil-prezenza tal-perit komputista jaraw id-dokumenti in kwistjoni u minnhom jisiltu l-informazzjoni li jixtiequ ghall-interess taghhom b'dan li d-dokumenti m'ghandhomx jitilqu mill-pussess tal-perit komputista minghajr l-awtorizzazzjoni taghha;

Rat illi fil-verbal tat-12 ta' Mejju, 2015 a fol. 354 tal-process il-Perit Legali Richard Galea Debono talab lill-Qorti kif diversament preseduta sabiex fid-dawl tal-provi gja akkwisiti, huwa jigi awtorizzat illi jirrelata in via preliminari dwar jekk tirrizultax kawza llecita fin-negozju li huwa s-suggett tal-kawza, u dan ghaliex jekk tirrizulta, tkun tikkostitwixxi pregudizzjali fl-ambitu tal-Artikolu 402 (1) tal-Kapitoli 386, rat illi l-Qorti kif preseduta fl-istess seduta semghet id-difensuri tal-partijiet jaghmlu s-sottomissjonijiet taghhom u rat li l-Qorti laqghet it-talba u dderigiet lill-Perit Legali sabiex jirrelata in linea preliminari, minghajr il-htiega ta' provi ulterjuri u minghajr l-intervent tal-perit tekniku, in linea ma' dak li vverbalizza llum;

Rat illi fil-verbal tal-15 ta' Dicembru, 2016 il-Qorti rrevokat l-inkarigu tal-Perit Legali Richard Galea Debono u ordnat li jirritorna l-inkartament kollu nkluz dak li kien fil-pussess tal-perit komputista l-kompjant Awditur Kevin Mahoney sabiex tkompli

tigbor il-provi hi. Ordnat ukoll li jigu ntaxxati d-drittijiet u l-ispejjez tal-periti sabiex jithallsu in linea mad-digriet tal-hatra taghhom;

Rat illi fil-verbal tat-23 ta' Marzu, 2017 il-Qorti kif diversament preseduta kienet osservat illi fil-kors tal-perizja kondotta mill-perit legali Avukat Richard Galea Debono u l-perit komputista l-kompjant awditur Kevin Mahoney, kienu ngabru, apparti deposizzjonijiet, kwantita' gmiela ta' dokumenti, li jikkostitwixxu prova, u n-natura ta' kontabilita' taghhom titlob illi l-Qorti tghaddi ghan-nomina ta' perit komputista biex jissostitwixxi lill-kompjant Awditur Mahoney. In vista tal-aspett tekniku tal-kwistjoni, il-Qorti dderigiet lill-partijiet sabiex sa zmien hmistax-il gurnata jew jipproponu b'mod kongunt isem ta' perit komputista iehor u fin-nuqqas ta' qbil, jipproponu konguntivament l-ismijiet ta' tliet periti komputisti biex il-Qorti taghzel wiehed minnhom, rat illi fis-seduta tal-25 ta' April, 2017 Dr Buttigieg u Dr Scicluna pprezentaw nota kongunta fejn indikaw ismijiet ta' tlett periti komputisti u rat id-digriet tat-8 ta' Mejju, 2017 a fol. 495 *et seq* tal-process fejn permezz tieghu gie mahtur Nigel Scerri ta' Stardust, 15, Triq is-Saghtar, Madliena;

Rat illi fil-verbal tad-19 ta' Gunju, 2017 il-Qorti dderigiet lill-Perit Komputista Nigel Scerri sabiex izomm seduta jew aktar fejn jisma' t-teknici ex-parte tal-partijiet, fuq naha wahda l-awditur Joseph Gauci, u fuq in-naha l-ohra l-awditur Donald Sant, sabiex jismaghhom bil-gurament u jikseb minghandhom taghrif dwar kif u fuq liema dokumenti waslu ghall-konkluzjonijiet taghhom. Il-Perit Komputista huwa liberu li jaccedi ghall-atti ta' din il-kawza, li ser jinzammu ghand id-deputat registratur tal-Awla, sabiex

jiffamiljarizza ruhu mal-mertu, kif ukoll huwa liberu li jaccedi ghad-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat ir-rapport tal-Perit Komputista Nigel Scerri pprezentat nhar it-3 ta' Ottubru, 2017 u li jinsab fl-atti a fol. 507 *et seq* tal-process;

Rat id-domandi in eskussjoni tar-rikorrenti a fol. 516 *et seq* tal-process u r-risposti tal-Perit Komputista Nigel Scerri a fol. 519 *et seq* tal-process;

Rat illi Dr Daniel Buttigieg fil-verbal tas-6 ta' Frar, 2018 insista fuq il-hatra ta' periti komputisti addizzjonali u rat li l-Qorti kif diversament preseduta provdiet billi ordnat li fl-udjenza li jmiss kull parti tissottometti lill-Qorti l-isem ta' perit komputista addizzjonali sabiex imbaghad il-Qorti taghzel taghha;

Rat in-noti pprezentati mill-partijiet fejn gew indikati ismijiet ta' awdituri bhala periti addizzjonali u rat id-digriet tal-Qorti kif diversament preseduta moghti fis-seduta tat-13 ta' Frar, 2018 fejn il-Qorti hatret bhala periti komputisti addizzjonali lill-awditur William Spiteri Bailey, lill-awditur Robert Borg u lill-accountant Alex Borg liema procedura ghandha tigi kondotta mill-awditur William Spiteri Bailey u fejn il-periti addizzjonali kellhom jiehdu konjizzjoni tar-ragunijiet wara t-talba ghall-hatra ta' periti addizzjonali. Il-Qorti tat hmistax-il gurnata lir-rikorrenti sabiex jindikaw ir-ragunijiet ghalfejn talbu l-hatra tal-periti addizzjonali li kellhom jaghmluh b'nota u li kopja taghha kellhom jghaddu lil Dr Kris Scicluna li kellu l-fakulta' li jwiegeb. Il-Qorti ghamlitha cara li l-periti addizzjonali ma kellhomx jisimghu provi godda u jillimitaw ruhhom ghall-lanjanza tal-partijiet;

Rat in-nota tar-rikorrenti ntavolata nhar il-21 ta' Frar, 2018 a fol. 533 *et seq* tal-process ai termini tad-digriet tat-13 ta' Frar, 2018 fejn permezz taghha r-rikorrenti taw ir-ragunijiet ghalfejn talbu l-hatra ta' periti addizzjonali u n-nota tal-intimat Adrian Cassar intavolata nhar l-10 ta' Mejju, 2018 a fol. 537 *et seq* tal-process;

Rat illi fil-verbal tat-23 ta' April, 2018 il-Qorti wara li rat illi b'effett tal-Avviz Legali 92 tal-2018 dahlu fis-sehh l-Artikolu 21 (b)(i)(ii) u (iii) tal-Att I tal-2018 fejn l-effett ta' dan huwa li r-rikors odjern jibda jinstema' mill-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Kummerc), il-Qorti ordnat illi ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi, ir-rikors odjern jibqa' jinstema' minn din il-Qorti kif preseduta bhala Qorti Civili (Sezzjoni tal-Kummerc) u mhux aktar mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili;

Rat ir-rapport tal-Periti addizzjonali li gie pprezentat fl-atti nhar l-10 ta' Marzu, 2020 u li jinsab fl-atti a fol. 578 *et seq* tal-process;

Rat illi fil-verbal tat-2 ta' Lulju, 2020 id-difensuri tal-partijiet talbu li jeskutu l-periti addizzjonali u rat li l-Qorti kif diversament preseduta tathom zmien xahar sabiex jipprezentaw id-domandi bil-miktub li jridu jressqu lill-periti addizzjonali li da parte taghhom jkollhom zmien xahar min-notifika sabiex jipprezentaw ilkoll flimkien u bil-gurament ir-risposti taghhom;

Rat id-domandi in eskussjoni tal-partijiet u r-risposti rispettivi tal-periti addizzjonali;

Rat ir-rikors tar-rikorrenti James Cassar et ntavolat nhar l-4 ta' Awwissu, 2020 fejn permezz tieghu talbu li l-Qorti tordna lill-periti teknici addizzjonali jkomplu r-relazzjoni taghhom billi jiffinalizzaw ir-relazzjoni taghhom b'konkluzjoni li hija komuni ghat-tlieta li huma, rat ir-risposta tal-intimat Adrian Cassar intavolata nhar l-24 ta' Novembru, 2020 u rat illi fil-verbal tal-24 ta' Novembru, 2020 wara li semghet lid-difensuri tal-partijiet jitrattaw il-mertu tar-rikors imsemmi, dehrilha li tenut kont ta' kif zvolga l-operat tal-periti addizzjonali b'konsiderazzjonijiet u konkluzjonijiet konfliggenti bejniethom, ma jkunx xieraq li l-Qorti terga' tirrimetti l-atti kollha lill-periti addizzjonali sabiex ihejju relazzjoni komuni, aktar u aktar meta tqis l-opinjonijiet divergenti taghhom. In vista ta' dan il-provvediment, id-difensuri tal-partijiet talbu li jeskutu mill-gdid lit-tlett periti addizzjonali, b'domandi ulterjuri, in vista tal-fatt li fil-fehma taghhom ir-risposti bil-miktub ma jwarrbu xejn mid-dubji li kellhom. Il-Qorti ghalhekk laqghet it-talba;

Rat l-eskussjoni viva-voce tal-periti addizzjonali li saret fis-seduta tal-1 ta' Frar, 2021 a fol. 722 *et seq* tal-process;

Rat illi fil-verbal tal-1 ta' Frar, 2021 il-Qorti laqghet it-talba sabiex il-partijiet jaghmlu noti ta' sottomissjonijiet minflok trattazzjoni u ghalhekk il-Qorti awtorizzathom sabiex jipprezentaw in-noti ta' sottomissjonijiet b'termini mposti fuqhom;

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet esebiti fl-atti;

Rat illi f'dak l-istadju din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta;

Rat li din il-Qorti permezz ta' digriet datat is-7 ta' Lulju, 2021, wara li rat l-istadju li kienet waslet fiha l-kawza odjerna, irrijappuntat il-kawza ghad-decizjoni ghal-lum.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

**Ikkunsidrat;**

**Fatti:**

Illi l-kawza odjerna giet intavolata mir-rikorrenti James Cassar u Marcelle Mangion ai termini tal-Artikolu 402 sub-artikoli 1 u 3 tal-Att dwar il-Kumpaniji (Kapitolu 386 tal-Ligijiet ta' Malta) fejn fost affarijiet ohra jilmentaw li l-affarijiet tal-kumpanija Cassar Bros. Giftware Ltd (C183431), tmexxew jew qed jitmexxew b'mod li, jew li xi att jew ommissjoni tal-kumpanija kienu jew huma jew x'aktarx se jkunu oppressivi b'mod mhux gust diskriminatorju kontra, jew b'mod mhux gust ta' pregudizzju, ghalihom jew b'mod kontra l-interessi tal-membri in generali.

Ir-rikorrenti James Cassar u Marcelle Mangion jsostnu li flimkien mal-intimat Adrian Cassar huma azzjonisti tas-socjeta' intimata Cassar Bros. Giftware Ltd fejn ir-rikorrenti ghandhom 2,374 azzjoni ordinarja *fully paid up* kull wiehed, filwaqt li l-intimat Adrian Cassar ghandu 4,750 azzjoni ordinarja *fully paid up*. Dan ifisser li r-rikorrenti bejniethom ghandhom 50% ta' l-ishma, filwaqt li l-intimat ghandu r-rimanenti 50% ta' l-ishma.

Jigi nnutat li originarjament Carmen Cassar – omm il-partijiet kienet tiddetjeni 50% ta' l-ishma fis-socjeta' intimata madanakollu meta James Cassar ghalaq l-eta' ta' tmintax-il sena kienet ittrasferiet 25% minn dawk l-ishma fis-socjeta' intimata lir-rikorrenti James Cassar u zammet il-25% ta' l-ishma l-ohra. Sussegwentement jirrizulta li kienet ittrasferiet il-25% l-ohra lill-intimat Adrian Cassar, allegatament skont ir-rikorrenti, minhabba pressjoni u insistenza da parti ta' l-istess intimat Adrian Cassar, biex illum l-ishma huma fil-kwota kif deskritti fil-paragrafu precedenti.

Illi r-rikorrenti James Cassar et u l-intimat Adrian Cassar huma wkoll diretturi tal-kumpanija msemmija fejn filwaqt li r-rapprezentanza legali u gudizzjarja huma vestiti '*...severely in any one of the directors.*', l-intimat Adrian Cassar huwa s-segretarju tal-kumpanija (ara memorandum and articles of association a fol. 109 *et seq* tal-process).

Illi jirrizulta li s-socjeta' ntimata Cassar Bros. Giftware Ltd (C 18341) kienet giet registrata fl-24 ta' April, 1995 u kienet tiggestixxi hanut tas-souvenirs bl-isem ta' Craft Point ta' Triq il-Port Ruman, Qawra. Dan il-hanut kien inghata b'titolu ta' cens temporanju ghal hamsin (50) sena mill-genituri tal-partijiet kollha permezz ta' kuntratt tal-1 ta' Settembru, 1995 fl-atti tan-Nutar Pierre Cassar. Il-hanut kien beda jopera fis-27 ta' Mejju, 1996 u dam jopera sa Settembru/Ottubru 2008. Fil-perijodu li ghamel jopera jirrizulta li kien hemm dejn li thallas kollu, u, sa meta waqaf jopera jirrizulta li fil-kont bankarju tas-socjeta' intimata kien hemm surplus ta' madwar hdax-il elf Euro (€11,000) (ara fol. 444 et seq).

Illi r-rikorrenti jsostnu li ftit wara li beda jopera l-hanut huma bdew jinnutaw '*ghemil hazin u qarrieqi*' da parti tal-intimat Adrian Cassar. Fost dan l-ghemil hazin u qarrieqi r-rikorrent James Cassar fl-affidavit tieghu a fol. 170 *et seq* tal-process jindika li l-intimat Adrian Cassar beda ma jippancjax fil-'cash register' parti mill-bejgh. Isostnu li ghalkemm kienu gibdulu l-attenzjoni diversi drabi sabiex dan jieqaf madanakollu skonthom kien jibda jghajjar u jinsisti li hekk kellhom imorru l-affarijiet. Ir-rikorrenti jistqarru li huma ma setghu qatt jivvutaw kontra l-agir oppressiv, abbusiv u ngust tal-intimat Adrian Cassar u dan peress li huwa kellu 50% ta' l-ishma mis-socjeta' intimata Cassar Bros. Giftware Ltd.

Ir-rikorrenti jzidu li ghalkemm ghamlu diversi laqghat ma' l-intimat Adrian Cassar assistiti mill-avukati rispettivi taghhom dan kien ghalxejn u kien ghalhekk li fl-24 ta' Settembru, 2010 ir-rikorrenti ntavolaw ir-rikors odjern fejn talbu fost affarijiet ohra li jigi dikjarat li l-intimati jew min minnhom naqsu mill-obbligi taghhom skont l-istatut u wkoll li l-intimat Adrian Cassar agixxa kontra l-interess ta' l-istess socjeta' u ta' l-azzjonisti minoritarji bi frodi tad-drittijiet ta' l-istess azzjonisti. Talbu wkoll li l-Qorti tordna x-xoljiment tal-kumpanija intimata u tipprovdi ghall-istralc konsegwenzjali taghha. Ir-rikorrenti talbu wkoll li l-Qorti tipprovdi ghal likwidazzjoni u hlas a tenur tal-Artikolu 402 (3) (f) tal-Kapitolu 386 tal-Ligijiet ta' Malta b'kumpens ghat-telf jew ghad-danni li garrbu r-rikorrenti minhabba l-agir frawdolenti u/jew negligenti grossolan ta' l-intimati, liema kumpens ghandu jinkludi t-telf ta' qliegh u imghaxijiet li s-socjeta' intimata setghet ghamlet kieku l-intimat Adrian Cassar ma dawwarx ghalih innifsu qliegh mit-tmexxija ta' l-istess socjeta' intimata.

**<u>Eccezzjoni Kawza llecita - L-Ewwel, it-Tieni u l-Hames talbiet:</u>**

Illi l-intimat Adrian Cassar fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu ntavolata nhar il-15 ta' Novembru, 2021 iqajjem eccezzjoni gdida li ma kinitx tqajmet fir-risposta tieghu liema kwistjoni izda gia kienet tqanqlet quddiem din il-Qorti diversament preseduta mill-pesperti nominati minnha partikolarment minn Dr. Richard Galea Debono. Din l-eccezzjoni hija proprju wahda ta' ordni pubbliku u tqajjem il-kwistjoni tal-kawza llecita.

Il-Qorti rat li l-intimat Adrian Cassar jitratta fit-tul din l-eccezzjoni u jsostni li t-talba tar-rikorrenti James Cassar et hija wahda li tinkwadra perfettament fid-definizzjoni ta' kawza llecita. L-intimat jaghti r-ragunijiet ghaliex il-Qorti hija obbligata li fil-kaz odjerna tissolleva l-kawza illecita *ex officio*.

Dwar il-kawza llecita nghad fid-decizjoni fl-ismijiet **Charles Pace et -vs- Philip Agius et pr. et. ne** deciza mill-Qorti tal-Appell nhar il-15 ta' Novembru, 1957 illi:

> 'Hija bla effett kwalunkwe obligazzjoni maghmula fuq kawza illecita; u l-kawza hija illecita meta hija projbita mill-ligi, jew kuntrarja ghall-ghemil xieraq jew ghall-ordni publiku; u konvenzjoni hija kontra l-ordni publiku meta hija kontra l-interess generali.
>
> Il-kwistjoni tal-legalita' jew le tal-konvenzjoni minhabba kawza illecita tista' tigi sollevata mill-Qorti "ex officio".'

Il-Qorti rat li r-rikorrenti fl-ewwel talba taghhom jilmentaw li l-intimati jew min minnhom, naqsu milli jmexxu b'xi att jew ommissjoni taghhom il-kumpanija, filwaqt li l-intimat Adrian Cassar naqas milli jagixxi fl-interess ta' l-istess socjeta' b'dannu ghar-rikorrenti talli naqas li jordna li jsir audit skond l-istess Ligi ghall-abbuzi maghmulha minnu stess, u agixxa kontra l-interessi ta' l-istess socjeta'. Ir-rikorrenti James Cassar jispjega dawn l-abbuzi tal-intimat Adrian Cassar fl-affidavit tieghu a fol. 170 *et seq* tal-process principalment bhala nuqqas ta' ppancjar ta' bejgh ta' oggetti fil-'cash register' kif isegwi:

> 'Il-hanut beda jopera fis 27 ta Mejju 1996. Wara ftit taz-zmien li beda jmexxi il-hanut, bdejna ninnutaw li parti mil-bejh mhux qed jigi ippancjat fil-cash register minnu stess. Meta kemm jiena u kemm ohti shaqnilu biex dawn l-affarijiet ma jaghmilhomx, hu kien jghidilna li la hu imexxi jsir biss kif jghid hu. Kien ghid ukoll ax meta ix-xol jinxtara bla VAT dan bilfors ma jridx jigi ippancjat u skond hu, l-agenti, certu xol ma jaghtuwulekx bil-VAT. Dan kien jinghad f'diversi okkazzjonijiet.
>
> Kemm Il-darba kien jghidilna biex ma nippanjcawx ghax dak in-nhar jkun ippancja b-ammonti sostanzjali bi zball bhal ezempju Lm 500 flok Lm 5.
>
> ...
>
> Illi din is-sitwazzjoni hija ta' svantagg ghalina l-azzjonisti minoritarji u ghalhekk ahna li ahna responsabbli f'ghajnejn il-ligi ghax ahna diretturi wkoll tal-istess kumpannija ma

> stajnix nibqghu inhallu dan it-tahwid isir. **Sahha kieku gawdejna fih imma dan kollu kien qed jittiehed a beneficcju ta' Adrian Cassar u tal-familja diretta tieghu**. Illi ghalhekk ahna ghamilna dan ir-rikors biex nigu protetti mill-azzjonijiet abbuzivi u llegali ta' Adrian Cassar fit-tmexxija tal-kumpannija taghna. Ahna konna qed nissuspsettaw li l-affarijiet ma kienux mexjin sew pero' peress li kien difficli ghalina biex ikollna l-provi, ahna hallejna ftit taz-zmien jghaddi biex jew l-affarijiet jittrangaw bil-kwiet jew inkellha niehdu l-proceduri sakemm gbarna l-informazzjoni mill-ktieb iswed li kien juza u li kien igieghelna nuzaw u dan a beneficcju tieghu biss.' (enfasi tal-Qorti).

Dan l-abbuz gie wkoll ikkonfermat minn Mario Mangion – ir-ragel tar-rikorrenti Marcelle Mangion li jsostni li huwa kien jagixxi fl-interessi ta' martu r-rikorrenti. Fl-affidavit tieghu a fol. 165 *et seq* tal-process fejn qal is-segwenti:

> 'Ix-xiri u l-bejgh tal-hanut dejjem zammu f'idejh Adrian Cassar u bdejna ninnutaw li parti mil-bejh mhux qed jigi ippancjat fil-cash register minnu stess. Meta kemm marti u James insistew biex dawn l-affarijiet ma jaghmilhomx, hu kien jghidilna li la hu imexxi jsir biss kif jghid hu. Kien jghid ukoll ax meta ix-xoghol jinxtara bla VAT dan bilfors ma jridx jigi ippancjat u skond hu, l-agenti, certu xoghol ma jaghtuwulekx bil-VAT. Dan kien jinghad f'diversi okkazjonijiet.
>
> ...

Illi marti u James Cassar, din il-kawza ghamluha ghax kien ovju illi Adrian Cassar ma riedx jaghmel audit ta' l-operat tal-kumpannija u stock take oltre' l-fatt illi kien qieghed imexxi l-kumpannija mhux skond il-Ligi, billi jzomm ktieb ifejn fih kien hemm jiddistingwi l-bejgh ta' l-oggetti mibjugha mhux skond il-Ligi.'.

Ir-rikorrenti nfushom kemm-il darba kkonfermaw fil-mori tal-kawza, partikolarment in kontro-ezami, li huma stess kienu konxji ta' dan l-agir u sahansitra ppartecipaw f'tali llegalitajiet billi kemm-il darba ma ppancjawx bejgh ta' oggetti u li sussegwentement kienu jiktbu tali bejgh fil-'*black book*'. Ir-rikorrent James Cassar in kontro-ezami fis-seduta tas-27 ta' Mejju, 2014 stqarr illi:

'Mistoqsi jekk qattx kien hemm okkazjonijiet fejn jien beght oggetti mill-hanut u m'ghaddejthomx mill-cash register, jien, wara li gejt imwissi li m'inix obbligat inwiegeb minhabba li nista ninkrimina ruhi, naghzel li ma nwegibx. Jien gieli kont prezenti fil-hanut u rajt lil Adrian jaghmel sales u ma jghaddihomx mill-cash register. Ma niftakarx li qatt xi membru iehor tal-istaff jaghmel xi haga hekk. Lanqas lill-ohti qatt a rajt.

Dawn is-sales mhux mghoddija mill-cash register kienu jitnezzlu fuq dokument iehor li gie ezibit minni f'din il-kawza. Jien gieli ktibt fuq id-dokument. Originarjament dan id-dokument bdieh Adrian, u jien ottjenejtu billi hadt fotokopja tieghu bil-mohbi ta' Adrian flimkien ma Mario

> Mangion. Dan kien fil-kexxun ta' fuq tal-bank tal-hanut. Dan kien kexxun li jista' jissakkar izda kelli access ghalih u ghal kontenut tieghu. Fuq iz-Z reading Adrian kien jikteb x'kien ibiegh telecards jew low cost cards, u fil-brackets jew mhux fil-brackets kien inizzel dak li ma ppancjax. Dan xi drabi ghamiltu jien ukoll. B'dan il-mod is-sales kollha kienu jigu recorded.'

L-istess iddikjara Mario Mangion fil-kontro-ezami tieghu fis-seduta tas-17 ta' Lulju, 2014 a fol. 481 *et seq* tal-process illi:

> 'Meta kont nghin il-mara tghodd il-flus, ahna konna : niktbu skond il-cash register fuq il-ktieb l-iswed dak li kien dikjarat. U l-istess ktieb iswed konna nimmarkaw fil-brackets dak li mhux iddikjarat. Fuq iz-Z reading konna niktbu bil-lapis dak li mhux iddikjarat. Il-flus konna jew inqeghduhom fil-kexxun li jissakkar ta'fuq tal-counter (Marcelle kien ikollha cavetta), jew inkella inqeghduhom fil-tarag tal-flat tieghu. Fil-kexxun konna nqeghdu wkoll il-ktieb l-iswed.'

Illi minhabba n-natura teknika tal-allegazzjonijiet il-Qorti kif diversament preseduta kienet innominat diversi periti komputisti sabiex jassistuwha fl-investigazzjoni taghha. Fost dawn kien hemm accountants u awdituri fosthom Nigel Scerri, kif ukoll l-periti komputisti addizzjonali Alex Mamo, Robert Borg u William Spiteri Bailey. Dawn apparti accountants u awdituri ohra li tressqu ex-parte li wkoll taw l-opinjoni taghhom fir-rigward. Illi l-periti komputisti kkonfermaw li fil-kalkoli taghhom hadu kont ta' 'undeclared cash'. Difatti l-Perit addizzjonali Alex Mamo fis-

seduta tal-1 ta' Frar, 2021 spjega l-metodu li huwa adotta bhala dak simili tal-accountant ex-parte Donald Sant. Xehed illi:

> 'Ix-xhud: U l-exercise li ghamel Donald qed nghid illi ghogobni u qbilt mieghu in part ghaliex meta bdejt nahseb kif ser nahdem jien kont ser nahdem ezattament l-istess exercise li ghamel Donald u mbaghad irrejalizzajt illi kien ikun hela ta' zmien. U allura analizzajt u studjajt x'ghamel Donald sewwa. Li ghamel Donald bazikament kien illi qabad il-bejgh tal-kumpanija attwali li qed juri fl-accounts, qabad dawk il-flus li qed nghidu li kienu undeclared, ziedhom mas-sales u hadem il-gross profit margin anke fuq l-undeclared sales. Fejn ma qbiltx ma' Donald ezatt jiena kien illi Donald kien qed jahdem prudenti hafna u l-gross profits margin li hadem Donald bih jiena bdejt nikkalkulah li kien baxx.
>
> ...
>
> X'inhi d-differenza bazika mill-exercise tieghi ghal ta' Donald allura? Illi Donald qabad l-undeclared sales u hadem il-cost of sales fuqhom. Whereas jiena tlaqt mill-cost of sales u hdimt is-sales minnhom, meaning li jekk hemm differenza fis-sales dak huwa kollu profits, because the cost of sales are already incuded in the accounts. Basically din l-exercise tieghi, Fil-fatt fil-conclusions tieghi spjegajt illi d-differenza, ir-rizultat huwa x'imkien bejn dak li qed

jghid Donald li huwa prudenti hafna kif nahdmu ahna normalment, u dan il-maximum li qed nghid jien... ghax dak qed nghidu li kien hemm mitejn... xi haga fuq il-mitejn elf maltin, sales extra, li basically kif qed nghid jien irrizultaw suppost f'cash.'.

Imbaghad il-Perit Tekniku addizzjonali Robert Borg fis-seduta tal-1 ta' Frar, 2021 a fol. 744 *et seq* tal-process ikkonferma li fis-socjeta' intimata Cassar Bros. Giftware Ltd kien hemm nuqqas kbir ta' kontrolli. Xehed illi:

'Ix-xhud: Kif spjegajt fir-risposta tiegħi aħna meta għamilna l-analiżi ma kellniex available dawn l-evidenzi ta' dawn l-ispejjeż u ma ħadniehomx in konsiderazzjoni, però wieħed kif spjegajt ukoll ma jistgħax jasal f'konklużjoni jekk iddaħħalhomx jew le hekk. Ovvjament prima facie wieħed jgħid iva tista' iddaħħalhom u jonqos mill-ammont. Però mill-banda l-oħra tant kien hemm nuqqas ta' kontrolli fil-kumpanija u li ħareġ ħafna fir- rapport, illi jista' jkun li kontra dawn l-ispejjeż kien hemm undeclared cash u undeclared revenue. Allura wieħed joffsettja lill-ieħor. Jiġifieri wieħed irid iżomm kollox fl-ambitu ta' kif kienet topera l-kumpanija dak iż-żmien.

Minn dak li rat il-Qorti kemm mir-rapport redatt mill-Perit Komputista Nigel Scerri (a fol. 507 *et seq* tal-process), kif ukoll minn dak addizzjonali redatt minn William Spiteri Bailey, Alex J Mamo u Robert Borg (a fol. 578 *et seq* tal-process) din il-Qorti qed

tintalab li tiehu kont ta' ammonti konsiderevoli ta' flus mhux dikjarati li skont il-kostatazzjonijit tad-diversi eseperti jammontaw mill-anqas ghal tletin Elf Liri Maltin u fl-oghla ipotezi ssemmiet ukol cifra oltre mitejn Liri Maltin u konsegwentment tillikwida kumpens/danni lir-rikorrenti.

Il-Qorti rat li mill-atti li rrizulta ampjament pruvat li d-diretturi tal-Kumpanija ntimata, ahwa Cassar kollha nvoluti, lkoll kienu kompartecipi ghal numru ta' snin, fl-ezercizzju ta' bejgh ta' oggetti li ma kienx jigi debitament dikjarat. Rat ukoll li fl-atti gie prezentat kopja ta' dan l-hekk imsejjah 'black book' li fuqu kienu jitnizzlu l-bejgh kollu li jkun sar partikolarment inkluz dak mhux dikjarat billi ma jigix 'punched'. Illi minn analizi tall-kopja tal-'black book', jirrizulta li dan jikkollabora l-verzjoni tal-fatti hekk kif esposta mir-rikorrenti u cioe' li fuqu kienu jitnizzlu dawk l-oggetti dikjarati, kif ukoll dawk mhux dikjarati li kienu jigu ndikati fil-brackets (ara kopja tal-black book f'file iswed indikat bhala Black Book Copy JC001).

Il-Qorti rinfaccjata bi provi skjaccanti fejn fl-operat tas-socjeta' intimata Cassar Bros. Giftware Ltd, ghal tul ta' snin, konxjament mid-diretturi kollha, ma kienux qed jigu dikjarati ammont konsiderevoli ta' flus, attivita' li tmur kontra l-Ligi, l-Qorti ma tistax tinjora dan il-fatt u tibqa ghaddejja bit-talbiet tar-rikorrenti daqs li kieku din l-illegalita' ma rrizultatx.  Jirrizulta wkoll li ghal diversi snin fejn kienet qed issehh din l-illegalita' r-rikorrenti nonostante li kienu ben konxji minnha xorta wahda ghazlu li jiffirmaw u japprovat il-kontijiet tal-Kumpanija.  In oltre rrizulta sahansitra ampjament pruvat li kien l-istess rikorrent James Cassar li fil-maggorparti kienu jiehu hsieb li jghaddi l-karti tal-kumpanija

lill-'accountant' minghajr ma jqajjem l-ebda kwezit jew oggezzjoi dwar il-prattika tal-bejgh mhux 'punched' ezercitata minnu, minn ohtu u l-intimat huhom. Ghaldaqstant huwa minnu li l-kawza odjerna hija milquta bil-kawza llecita. Il-Qorti rat li l-ewwel, it-tieni u l-hames talba tar-rikorrenti huma lkoll milquta bil-kawza llecita stante li sabiex il-Qorti tkun tista' tasal ghal konkluzjoni u decizjoni dwar l-istess, il-Qorti bilfors tkun trid tidhol f'analizi tal-bejgh mhux dikjarat b'mod konxju mill-partijiet kollha ahwa Casssar, diretturi tal-Kumpanija, w'ghaldaqstant a bazi ta' dan ser tghaddi sabiex tichad l-ewwel, it-tieni u l-hames talbiet tar-rikorrenti..

**<u>It-Tielet u r-Raba' talba:</u>**

Illi permezz tat-tielet talba r-rikorrenti qed jitolbu li jigu appuntati persuni ndipendenti biex jirregolaw it-tmexxija ta' l-affarijiet tas-socjeta' intimata Cassar Bros. Giftware Ltd, filwaqt li fir-raba' talba jitolbu li l-Qorti tordna x-xoljiment tas-socjeta' ntimata u tipprovdi ghall-istralc konsegwenzjali taghha.

Illi l-Artikolu 214 tal-Att dwar il-Kumpaniji (Kapitolu 386 tal-Ligijiet ta' Malta) jirregola x-xoljiment u l-istralc tal-kumpaniji. Fil-kaz odjern jirrizulta zewg ragunijiet elenkati f'dan l-artikolu li jwasslu ghax-xoljiment tal-kumpanija ntimata wiehed indikat taht l-artikolu 214 (2) (a) u l-iehor taht l-artikolu 214 (2) (b) b'dan li fil-paragrafu (a) il-ligi titkellem li l-Qorti 'tista' tordna x-xoljiment filwaqt li fil-paragrafu (b) l-ligi timpomi li l-Qorti 'ghandha' tordna x-xoljiment kif isegwi:

‘(2) Barra mill-mod ta’ xoljiment imsemmija fis-subartikolu (1) -

(a) kumpanija **tista’** xxolji u tkun stralċjata mill-qorti fiċ-ċirkostanzi li ġejjin –

(i) jekk in-negozju tal-kumpanija jkun sospiż għal perjodu bla waqfien ta’ erbgħa u għoxrin xahar; . . .

(b) kumpanija **għandha** tkun xolta bil-qorti fil-każijiet li ġejjin –

(iii) il-qorti tkun tal-fehma li hemm raġunijiet gravi biżżejjed li jiġġustifikaw ix-xoljiment u konsegwentement l-istralċ tal-kumpanija; . . .’

Illi fic-cirkostanzi tal-kaz odjern, fejn irrizultaw ampjament pruvati abbuzi sfaccati mid-diretturi kollha fit-tmexxija tal-Kumpanija ntimata, partikolarment fejn naqsu li jiddikjaraw ammonti kbar f’bejgh ta’ prodotti u dan fuq medda ta’ numru ta’ snin, il-Qorti tqis, ai termini tal-artikolu 214 (2) (b) (iii) suespost, li hemm ragunijiet gravi bizzejjed li jiggustifikaw ix-xoljiment u konsegwentement l-istralc tal-kumpanija. Dan apparti l-fatt li s-socjeta’ intimata Cassar Bros. Giftware Ltd ilha snin twal ma toperax u ghalhekk fi kwalunkwe kaz tikkwalifika li tigi xolta wkoll a bazi ta’ din ic-cirkustanza.

**Decizjoni:**

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha suesposti l-Qorti tghaddi sabiex taqta' u tiddeciedi din il-kawza kif isegwi:

1. Tiddikjara l-kawza odjerna milquta mill-kawza llecita partikolarment l-ewwel, it-tieni u l-hames talbiet tar-rikorrenti, u konsegwentement tghaddi sabiex tichad l-ewwel, it-tieni u l-hames talbiet tar-rikorrenti;

2. Tichad il-bqija tal-eccezzjonijiet tal-intimati sakemm dawn huma nkompatibbli ma dak hawn deciz;

3. A bazi tal-artikolu 214 (2) (a) (i) Kap 386 Att dwar il-Kumpaniji tal-Ligijiet ta' Malta, stante li jirrizulta li n-negozju tal-Kumpanija ilu sospiz ghal perjodu bla waqfien ta' erbgha u ghoxrin xahar u ferm aktar u wkoll a bazi tal-214 (2) (b) (iii) tal-istess Att, tiddikjara li hemm ragunijiet gravi bizzejjed li jiggustifikaw ix-xoljiment u l-istralc tal-kumpanija ntimata u ghaldaqstant tghaddi sabiex tilqa' it-tielet u r-raba' talba tar-rikorrenti, tordna x-xoljiment tal-kumpanija ntimata Cassar Bros. Giftware Limited (C18341) b'effett mil-lum. Tahtar lill-Avukat Dr. Kevan Azzopardi bhala stralcjarju skond l-Art 228 et seq tal-Kap 386 b'dan illi l-istralcjarju ghandu wkoll, bla hsara ghall-generalita' ta' dawk is-setghat u dmirijiet –

i. wara li jikseb dikjarazzjoni dwar il-qaghda tal-kumpanija intimata kif irid l-art. 226 tal-Kap 386 jaghmel rapport lill-Qorti kif irid l-artikolu 227 tal-Kap 386;

ii. jaghmel verifika dwar l-assi tal-kumpanija intimata. Dwar djun gia rrizulta mill-atti li l-kumpanija intimata ma ghandha l-ebda djun izda fi kwalunkwe kaz u ai fini ta' kompletezza l-istralcjarju nominat ghandu jivverifika wkoll jekk hemmx xi djun u dwar il-gradwazzjoni tad-djun jekk jirrizultaw;

iii. jiehu taht il-kustodja jew kontroll tieghu l-assi kollha tal-kumpanija intimata fit-termini tal-artikolu 237 tal-Kap 386.

iv. jaghmel jew jiddefendi kull azzjoni jew procediment legali iehor fl-isem u fl-interess tal-kumpanija intimata.

v. jirrelata dwar il-mizuri mehtiega ghall-harsien tal-assi tal-kumpanija intimata.

vi. jipprezenta r-rapport tieghu mhux aktar tard minn tliet xhur mil-lum.

Bl-ispejjez kollha jkunu a karigu tad-diretturi ahwa Cassar partijiet fi kwoti ta' kwart (1/4) kull wiehed ghar-rikorrenti u nofs (1/2) ghall-intimat Adrian Cassar.

Tordna li kopja ta' din id-decizjoni tigi notifikata lill-Kummissarju tal-Pulizija, fil-mument li ssir *res judicata*, sabiex jigi nvestigat skont il-ligi l-operat tad-Diretturi partijiet ahwa Cassar in vista tar-rizultanzi fil-kaz odjern.

Tordna notifika tad-decizjoni lil Dr. Kevan Azzopardi stralcjarju nominat.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**15 ta' Dicembru, 2021**

**Karen Falzon**
**Deputat Registratur**
**15 ta' Dicembru, 2021**